Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0555(COD)

19.5.2026

EMENDI
1842 - 2023

Abbozz ta' rapport
Christian Ehler, Dan Nica
(PE784.506v01-00)

L-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża

Proposta għal regolament
(COM(2025)0555 – 2025/0555(COD))

Emenda 1842
Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Christophe Clergeau, Pierre Jouvet, Raphaël Glucksmann

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi għal attivitajiet taħt il-FEK	
1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	
(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll Andorra, Monaco u San Marino;	
(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali;	
(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;	
(d) pajjiżi terzi oħra.	
2. Sakemm kwalunkwe kundizzjoni speċifika possibbli stabbilita f'kull tieqa jew komponent ta' politika tiġi ssodisfata mill-pajjiż terz interessat, il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni tal-programmi fil-FEK għandhom:	
(a) jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-FEK;	
(b) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, lill-FEK u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;	

(c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-programm;

(d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;

(e) jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi, tas-sigurtà, tad-difiża u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

3. Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunjarju abbażi tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu eżegwibbli, u jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali applikabbli jew regoli applikabbli oħra.

4. Ftehimiet speċifiċi separati jistgħu jiġu konklużi f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE għal attivitajiet taħt il-FEK relatati mas-sigurtà, il-forniment ta' servizzi siguri u assi kritiċi lill-UE.

Or. en

Emenda 1843
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-	1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-

parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata ***fil-qafas*** ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin ***li ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat,*** permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata ***fl-ambitu tal-qafas*** ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

Or. en

Emenda 1844
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, ***inkluż ma' partijiet speċifiċi tal-programm bħal irkanti doppji*** f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

Or. en

Ġustifikazzjoni

The European Hydrogen Bank (EHB) plays an important role in facilitating early market creation for hydrogen. Both domestic production and imports are important to meet potentially large future demand from industrial sectors such as steel and chemicals. However, This will require additional financing. Furthermore, there is currently no dedicated funding available for the international leg of the EHB to support imports of renewable hydrogen. In order to design a scheme for renewable hydrogen imports from third countries into the EU, substantial analytical and preparatory work is required in the immediate term. Such preparatory work could include, amongst other tasks, analysing the hydrogen market landscape globally, identifying the specific risks associated with the import of hydrogen and the associated financing challenges, and the advantages and disadvantages of different

auction design elements, building on existing experience available, such as the international auctions organised by the H2Global Foundation.

Emenda 1845
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Stine Bosse, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali***, inkluż ma' partijiet speċifiċi tal-programm***, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

Or. en

Emenda 1846
Sophie Wilmès, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	1. Il-FEK jista'***, fl-interess tal-Unjoni,*** jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

Or. en

Emenda 1847
Andreas Glück, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK ***jista'*** jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:	1. Il-FEK ***għandu*** jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

Or. en

Emenda 1848
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll Andorra, Monaco u San Marino;	(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, ***f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,*** kif ukoll Andorra, Monaco u San Marino;

Or. en

Emenda 1849
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni	(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni

Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll Andorra, Monaco u San Marino;	Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, ***f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,*** kif ukoll Andorra, Monaco u San Marino;

Or. en

Emenda 1850
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u ***dawk*** kandidati potenzjali;	(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u ***l-pajjiżi*** kandidati potenzjali***, b'mod partikolari l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova, filwaqt li titqies it-trajettorja tagħhom ta' qabel l-adeżjoni mal-UE u, fejn rilevanti, il-parteċipazzjoni tagħhom fil-qafas tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova ġew rikonoxxuti bħala pajjiżi kandidati mill-Kunsill Ewropew u impenjaw ruħhom f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni. Ir-referenza espliċita tagħhom fl-Artikolu 11(1), il-punt (b), hija konsistenti mar-referenzi eżistenti għall-Ukrajna fil-proposta tal-Kummissjoni fl-Artikoli 47, 49 u 50, u tiżgura l-koerenza legali tal-qafas ta' parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-politika tat-tkabbir u tas-sigurtà tal-Unjoni.

Emenda 1851
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-	***imħassar***

Vičinat;

Or. en

Emenda 1852
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1853
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Stine Bosse, Grégory Allione, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	(d) pajjiżi ***u territorji*** terzi oħra***, b'impenn simili għal ekonomija tas-suq miftuħa bbażata fuq ir-regoli, li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards u l-valuri tal-Unjoni, inklużi l-impenji klimatiċi***.

Or. en

Emenda 1854
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	(d) pajjiżi terzi oħra ***li jaderixxu ma' ekonomija tas-suq miftuħa bbażata fuq ir-***

regoli, li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards u l-valuri tal-Unjoni, inklużi l-impenji favur il-klima u l-bijodiversità.

Or. en

Emenda 1855
Sophie Wilmès, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiżi terzi oħra.	(d) pajjiżi terzi oħra ***tal-istess fehma***.

Or. en

Emenda 1856
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Il-FEK mhux se jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi involuti fl-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali ta' territorji; lanqas għal pajjiżi terzi responsabbli għal ksur gravi u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem jew ksur ieħor tad-dritt internazzjonali

Or. en

Emenda 1857
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, ***lill-FEK*** u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;	(b) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ***minn pajjiżi terzi***, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, ***għall-FEK*** u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;

Or. en

Emenda 1858
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżguraw l-aċċess reċiproku tal-entitajiet tal-UE għall-istrumenti ta' finanzjament rilevanti ta' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 1859
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ma ***għandhomx*** jagħtu lill-pajjiż terz ***xi*** setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-programm***;***	(c) ma jagħtu lill-pajjiż terz ***l-ebda*** setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-programm ***u l-ebda kontroll fuq l-infrastruttura essenzjali, inkluża dik tal-enerġija, kif ukoll tas-saħħa u tal-qasam diġitali***

Or. en

Emenda 1860

Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi***, tas-sigurtà, tad-difiża*** u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni ***u*** tal-Istati Membri tagħha.	(e) jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni***,*** tal-Istati Membri ***u tan-nies*** tagħha.

Or. en

Emenda 1861
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Stine Bosse, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-ftehim ta' assoċjazzjoni jista' jipprevedi l-parteċipazzjoni reċiproka ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni fi programmi ekwivalenti tal-pajjiżi assoċjati f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-programmi.

Or. en

Emenda 1862
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunjarju	3. Għall-finijiet tal-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013 ***lill-Kummissjoni, lill-UPPE, lill-OLAF u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri***,

abbażi tal-Artikolu 299 ***TFUE***, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu eżegwibbli, u jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali applikabbli jew regoli applikabbli oħra.	u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunjarju abbażi tal-Artikolu 299 ***tat-TFUE***, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu eżegwibbli, u jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali applikabbli jew regoli applikabbli oħra.

Or. en

Emenda 1863
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-assoċjazzjoni jew l-assoċjazzjoni parzjali ma' pajjiżi terzi għandha tkun possibbli biss jekk dawn jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:
	a) aderenza shiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju;
	b) impenn fir-rigward ta' ekonomija tas-suq miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, inklużi trattament ġust u ekwu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, appoġġati minn istituzzjonijiet demokratiċi;
	c) dimostrazzjoni ta' standards ambjentali u soċjali tal-anqas ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni, u li sad-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' assoċjazzjoni jkunu ppreżentaw lill-UNFCCC Kontributi

msaħħa Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali;

d) promozzjoni attiva ta' politiki li jtejbu l-benesseri ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini.

Or. en

Emenda 1864
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu s-sospensjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tal-assoċjazzjoni f'każ ta' ksur serju tal-kundizzjonijiet stabbiliti fih, inkluż f'każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali, jew tal-istat tad-dritt. Jekk ikun hemm evidenza qawwija u persistenti li pajjiż assoċjat ikun qed jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżit ta' aderenza shiha mad-dritt internazzjonali stabbilit fil-paragrafu 3a, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura għat-terminazzjoni tal-ftehim ta' assoċjazzjoni.

Or. en

Emenda 1865
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni skont il-paragrafu 2 għandhom jiġu konklużi f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE u għandhom jirrikjedu l-kunsens tal-Parlament skont l-Artikolu 218(6)(a) tat-

TFUE. Skont l-Artikolu 218(10) tat-TFUE, il-Parlament Ewropew għandu jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Emenda 1866
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Salvagwardji applikabbli għal entitajiet mhux stabbiliti fi Stat Membru
	1a. Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti fil-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b), (c) u (d), għandha tkun soġġetta:
	(a) għall-assenza ta' kontroll minn entità ta' pajjiż terz mhux eliġibbli;
	(b) għal garanzija tas-sigurtà tal-provvista verifikabbli;
	(c) għal kundizzjoni ta' reċiproċità tal-aċċess għall-entitajiet tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u għall-programmi ta' finanzjament ta' dawk il-pajjiżi;
	(d) għal konformità mar-restrizzjonijiet fuq it-trasferiment imsemmija fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2, il-punt (b).

Or. en

Emenda 1867
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. ***Il-programmi ta' ħidma li għandhom x'jaqsmu mal-Istrument InvestEU tal-FEK għandhom jiġu adottati f'konformità mal-linji gwida ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 21(5).***

Or. en

Emenda 1868
Christian Ehler, Oliver Schenk, Matej Tonin, Adina Vălean, Pilar del Castillo Vera, Hildegard Bentele, Angelika Niebler, Eszter Lakos, Radan Kanev, Virgil-Daniel Popescu, Eva Maydell

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509***, bl-eċċezzjoni tal-baġit imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a), li huwa stabbilit bil-quddiem***.

Or. en

Emenda 1869
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-	1. Il-FEK għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-

Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	Regolament (UE, Euratom) 2024/2509***, bl-eċċezzjoni tal-baġit imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a), li huwa stabbilit bil-quddiem***.

Or. en

Emenda 1870
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Cristina Maestre, Maria Grapini, Giorgio Gori, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK ***għandu*** jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	1. Il-FEK ***irid*** jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509***, filwaqt li jiżgura komplementarjetà u sinerġiji ma' strumenti rilevanti oħra tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1871
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-FEK ***għandu*** jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.	1. Il-FEK ***irid*** jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma ***pluriennali ta' mill-inqas tliet snin,*** f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. en

Emenda 1872

Mirosława Nykiel, Borys Budka, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta tħejji l-programmi ta' ħidma, il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet reġjonali kompetenti, bil-ħsieb li tiżgura l-konsistenza bejn l-interventi fl-ambitu tal-FEK u l-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali, l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, u dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti oħra, filwaqt li tissalvagwardja l-objettivi strateġiċi Ewropej tal-Fond.

Or. en

Emenda 1873
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li ż-żmien medju għall-għotja għall-proċeduri tal-għoti skont dan ir-Regolament ma jaqbiżx ħames xhur mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti, u li ż-żmien medju għall-ħlas ma jaqbiżx it-tletin jum mid-data li fiha jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-ħlas. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dawn l-indikaturi.

Or. en

Emenda 1874

Borys Budka, Danuše Nerudová, Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac, Eszter Lakos, Karlo Ressler, Miriam Lexmann, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Iuliu Winkler, Loránt Vincze, Andrzej Halicki, Virgil-Daniel Popescu, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský, Siegfried Mureşan, Ioan-Rareş Bogdan, Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Adina Vălean, Romana Tomc, Radan Kanev, Jan Farský, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Andrey Novakov, Ilia Lazarov, Emil Radev, Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c)**,** ta' dak ir-Regolament.	2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c) ta' dak ir-Regolament***, b'mod li jiżgura s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' rapportar u l-proċessi ta' applikazzjoni għas-sejħiet, sabiex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà għall-benefiċjarji u għar-riċevituri finali kollha, inklużi atturi iżgħar u applikanti b'anqas esperjenza***.

Or. en

Emenda 1875
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c)**,** ta' dak ir-Regolament.	2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c) ta' dak ir-Regolament***, filwaqt li jiġu żgurati l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u s-sinerġiji ma' strumenti rilevanti oħra tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1876
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta ***jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament***.	2. Il-FEK għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta.

Or. en

Emenda 1877
Mirosława Nykiel, Borys Budka, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-programmi ta' ħidma jistgħu jipprevedu l-implimentazzjoni ta' strumenti magħżula tal-FEK permezz ta' mekkaniżmi eżekuttivi deċentralizzati jew ibridi, li jinvolvu korpi ta' implimentazzjoni nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' azzjonijiet jew miżuri mmirati territorjalment indirizzati lejn l-SMEs.

Or. en

Emenda 1878
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Romana Jerković, Kristian Vigenin, Thomas Pellerin-Carlin, Vytenis Povilas Andriukaitis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun l-għażla privileġġata għall-implimentazzjoni biex jiġu sfruttati investimenti pubbliċi u privati addizzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi mill-ġdid l-emendi adottati fl-opinjoni tal-Kumitat SANT.

Emenda 1879
Yvan Verougstraete, Pascal Canfin, Stine Bosse, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun l-għażla privileġġata għall-implimentazzjoni biex jiġu sfruttati investimenti pubbliċi u privati addizzjonali.

Or. en

Emenda 1880
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta l-programmi ta' ħidma jimplimentaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 42, dawn għandhom jinkludu kapitolu ddedikat għall-materja prima kritika. Dak il-kapitolu għandu jispeċifika

mill-inqas: il-kategoriji tal-kostijiet eliġibbli; il-forom ta' appoġġ tal-Unjoni disponibbli, inklużi għotjiet, akkwist, garanziji baġitarji, strumenti finanzjarji u operazzjonijiet ta' taħlit; il-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar, ir-raffinar, ir-riċiklaġġ, il-kumulazzjoni ta' riżervi, l-akkwist, ix-xiri fit-tul u l-infrastruttura relatata; u l-kriterji għall-għażla u l-għoti ta' appoġġ għall-proġetti tal-materja prima.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proġetti tal-materja prima kritika, b'mod partikolari fl-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ, huma kkaratterizzati minn żminijiet twal ta' tħejjija, intensità kapitali għolja u permessi speċifiċi u riskji ambjentali. L-arkitettura tal-programmi ta' ħidma stabbilita fl-Artikolu 12 għandha tagħmel espliċiti, għal dawn il-proġetti, il-kategoriji tal-kostijiet eliġibbli, il-forom disponibbli ta' appoġġ tal-Unjoni u l-kundizzjonijiet għall-għażla u l-għoti. Dan jiżgura l-prevedibbiltà għall-promoturi tal-proġetti u jirrifletti r-rakkomandazzjonijiet tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika dwar il-perkorsi operazzjonali.

Emenda 1881
Dan Nica, Borys Budka, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-proċeduri tal-għoti l-evalwazzjoni għandha tqis, minbarra l-kriterji tal-eċċellenza, il-bilanċ ġeografiku, ir-reżiljenza ekonomika, id-dimensjoni transfruntiera, id-dinamika tat-tkabbir ekonomiku tal-Istati Membri u tar-reġjuni, l-appoġġ tal-ktajjen tal-valur madwar l-UE kollha, u l-aċċess għal materja prima kritika u rari, filwaqt li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn ir-riżorsi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżorsi tal-FEK għandhom jintefqu b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha u għandu jiġi evitat li jiġu kkonċentrati f'xi wħud minnhom biss.

Emenda 1882
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sabiex jiġi żgurat żvilupp ibbilanċjat madwar l-Unjoni, mill-inqas 35 % tar-riżorsi fl-ambitu tal-FEK għandhom jiġu diretti lejn entitajiet mill-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom jibqa' taħt il-medja tal-UE.

Or. en

Emenda 1883
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-proċeduri tal-għoti jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed stabbilit fl-Artikolu 3(2), il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika li l-proċedura tal-għoti tiġi implimentata taħt sett wieħed ta' regoli billi jiġi applikat direttament ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ikkomplementat mir-regoli ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I u II, jew billi jiġu applikati r-regoli ta' wieħed mill-objettivi speċifiċi kkonċernati.	4. Meta l-proċeduri tal-għoti jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed stabbilit fl-Artikolu 3(2), il-programm ta' ħidma jista' jispeċifika li l-proċedura tal-għoti tiġi implimentata taħt sett wieħed ta' regoli billi jiġi applikat direttament ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ikkomplementat mir-regoli ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I u II, jew billi jiġu applikati r-regoli ta' wieħed mill-objettivi speċifiċi kkonċernati. ***Sejħa għal proposti tista' sseħħ taħt aktar minn tieqa ta' politika waħda, filwaqt li jiġu kkombinati fondi minn twieqi ta' politika rilevanti biex jikkontribwixxu għal sejħa għal proposti li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi ta' aktar minn tieqa ta'***

politika waħda, kif stabbilit fl-Artikolu 2. Il-proċeduri ta' sejħiet u tal-għoti relatati mal-infrastrutturi tat-teknoloġija jistgħu jitfasslu u jiġu ffinanzjati f'diversi twieqi ta' politika fejn rilevanti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' investiment transsettorjali, inklużi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, is-saħħa u l-bijoekonomija, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u l-qasam diġitali.

Or. en

Emenda 1884
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-proċeduri tal-għoti jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed stabbilit fl-Artikolu 3(2), il-programm ta' ħidma ***jista'*** jispeċifika ***li*** l-proċedura tal-għoti ***tiġi implimentata taħt sett wieħed ta' regoli billi jiġi applikat direttament ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ikkomplementat mir-regoli ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I u II, jew billi jiġu applikati r-regoli ta' wieħed mill-objettivi*** speċifiċi kkonċernati.	4. Meta l-proċeduri tal-għoti jikkonċernaw aktar minn objettiv speċifiku wieħed stabbilit fl-Artikolu 3(2), il-programm ta' ħidma ***għandu*** jispeċifika l-proċedura tal-għoti ***ddedikata allinjata mar-regoli tal-objettivi*** speċifiċi kkonċernati.

Or. en

Emenda 1885
Michał Kobosko, Martin Hojsík, Ivars Ijabs, Lucia Yar, Joanna Scheuring-Wielgus, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Barra minn hekk u lil hinn mill-indikaturi stabbiliti fir-Regolament tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], il-Kummissjoni għandha timplimenta l-FEK abbażi ta' analiżi regolari tal-implimentazzjoni tal-programmi, tax-xejriet tal-parteċipazzjoni u tal-ostakli għall-aċċess, inklużi d-data rilevanti dwar il-ġestjoni tal-programmi u l-analitika tan-networks.Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri preventivi u korrettivi biex tiżgura parteċipazzjoni wiesgħa, tevita konċentrazzjonijiet mhux ġustifikati u tikseb kopertura pan-Ewropea wiesgħa.Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari:

(a) tistabbilixxi limiti indikattivi minimi, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, għall-allokazzjoni ta' finanzjament lill-istart-ups u lill-applikanti għall-ewwel darba taħt ċerti sejħiet jew strumenti tal-FEK bil-ħsieb speċifiku li tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika ġusta u tissaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-SMEs u tal-entitajiet minn reġjuni u Stati Membri inqas żviluppati u fi tranżizzjoni;

(b) tappoġġa l-integrazzjoni ta' entitajiet minn Stati Membri differenti fil-ktajjen tal-valur tas-Suq Uniku, kif imsemmi fl-Artikolu 16, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-kompożizzjoni multinazzjonali ta' konsorzji jew fil-katina tal-valur, u billi tiffaċilita l-parteċipazzjoni sinifikanti tal-SMEs, b'mod partikolari minn reġjuni inqas żviluppati u fi tranżizzjoni, f'tali ktajjen tal-valur.Dan għandu jinkludi punti ta' preferenza, tlaqqigħ immirat, programmi ta' bini tal-kapaċitajiet, u dispożizzjonijiet għal pożijiet amministrattivi mnaqqsa għal entitajiet iżgħar;

Il-Kummissjoni għandha tinvolvi regolarment lill-Istati Membri fit-tfassil u fil-monitoraġġ ta' dawk il-miżuri.

Or. en

Emenda 1886
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għandhom isiru l-aħjar sforzi biex jiġi żgurat li, fi tmiem il-perjodu ta' investiment, tkun koperta firxa wiesgħa ta' setturi u reġjuni u tiġi evitata konċentrazzjoni settorjali jew ġeografika eċċessiva.Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa approċċ koerenti biex tappoġġa dawk l-isforzi.Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandu jimmonitorja u jirrapporta kull sena dwar l-ilħuq ta' dan l-objettiv fil-livell tal-Istati Membri u tar-reġjuni.F'każ ta' konċentrazzjoni settorjali jew ġeografika, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri korrettivi biex tiżgura t-twettiq tal-objettiv skont dan il-paragrafu.
	Sabiex tippromwovi distribuzzjoni bbilanċjata tar-riżorsi fil-FEK, il-Kummissjoni għandha timplimentah abbażi ta' analiżi regolari tax-xejriet tal-parteċipazzjoni u tal-ostakli għall-aċċess.Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri speċifiċi, b'mod partikolari:
	(a) tistabbilixxi limiti indikattivi minimi għall-allokazzjoni tal-finanzjament lill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 12 taħt ċerti sejħiet jew strumenti tal-FEK, abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti;
	(b) tappoġġa l-integrazzjoni ta' entitajiet minn Stati Membri differenti fil-ktajjen tal-valur tas-Suq Uniku kif imsemmi fl-Artikolu 16, b'mod partikolari billi tiżgura l-bilanċ ġeografiku fil-kompożizzjoni tal-konsorzji jew fil-katina tal-valur. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi regolarment lill-Istati Membri fit-tfassil u

fil-monitoraġġ ta' tali miżuri.

Or. en

Emenda 1887
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Klara Dostalova, Afroditi Latinopoulou, Anna Bryłka

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Barra minn hekk u lil hinn mill-indikaturi stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX]23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], il-Kummissjoni għandha timplimenta l-FEK abbażi ta' analiżi regolari tal-implimentazzjoni tal-programmi, tax-xejriet tal-parteċipazzjoni u tal-ostakli għall-aċċess, inklużi d-data rilevanti dwar il-ġestjoni tal-programmi u l-analitika tan-networks.Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri preventivi u korrettivi biex tiżgura parteċipazzjoni wiesgħa, tevita konċentrazzjonijiet mhux iġġustifikati u tikseb impatt wiesa' fuq l-Unjoni kollha.* ***Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari: ***(a) tistabbilixxi limiti indikattivi minimi, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, għall-allokazzjoni ta' finanzjament lill-istart-ups u lill-applikanti għall-ewwel darba fl-ambitu ta' ċerti sejħiet jew strumenti tal-FEK;*** ***(b) tappoġġa l-integrazzjoni ta' entitajiet minn Stati Membri differenti fil-ktajjen tal-valur tas-Suq Uniku, kif imsemmi fl-Artikolu 16, inkluż billi tiġi promossa l-kompożizzjoni multinazzjonali tal-konsorzji jew fil-katina tal-valur.*** ***Il-Kummissjoni għandha tinvolvi regolarment lill-Istati Membri fit-tfassil u fil-monitoraġġ ta' dawk il-miżuri.***

Emenda 1888
Borys Budka, Radan Kanev, Romana Tomc, Adina Vălean, Gheorghe Falcă, Daniel Buda, Ioan-Rareş Bogdan, Siegfried Mureşan, Tomáš Zdechovský, Inese Vaidere, Virgil-Daniel Popescu, Andrzej Halicki, Loránt Vincze, Iuliu Winkler, Mirosława Nykiel, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Miriam Lexmann, Karlo Ressler, Eszter Lakos, Nikolina Brnjac, Davor Ivo Stier, Danuše Nerudová, Eva Maydell, Jan Farský, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Andrey Novakov, Ilia Lazarov, Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-implimentazzjoni tal-FEK għandha titwettaq abbażi ta' analiżi regolari tal-implimentazzjoni tal-programm, ix-xejriet tal-parteċipazzjoni u l-ostakli għall-aċċess, inklużi d-data rilevanti dwar il-ġestjoni tal-programmi u l-analitika tan-networks. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid u tieħu miżuri biex tiżgura parteċipazzjoni ġeografika wiesgħa, tevita konċentrazzjonijiet mhux ġustifikati u tikseb impatt wiesa' fuq l-Unjoni kollha. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari: (a) tistabbilixxi limiti indikattivi minimi, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, għall-allokazzjoni ta' finanzjament lill-istart-ups u lill-applikanti għall-ewwel darba fl-ambitu ta' ċerti sejħiet jew strumenti tal-FEK; (b) tappoġġa l-integrazzjoni ta' entitajiet minn Stati Membri differenti fil-ktajjen tal-valur tas-Suq Uniku, kif imsemmi fl-Artikolu 16, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-kompożizzjoni multinazzjonali ta' konsorzji jew fil-katina tal-valur; (c) toħloq tabella ta' valutazzjoni ġeografika għall-proġetti ffinanzjati mill-FEK, li għandha tiġi aġġornata kif xieraq kull sena. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi regolarment lill-Istati Membri u lill-

Parlament Ewropew fit-tfassil u fil-monitoraġġ ta' dawk il-miżuri.

Or. en

Emenda 1889
Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Barra minn hekk u lil hinn mill-indikaturi stabbiliti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-FEK abbażi ta' analiżi regolari tal-implimentazzjoni tal-programmi, tax-xejriet tal-parteċipazzjoni u tal-ostakli għall-aċċess, inklużi d-data rilevanti dwar il-ġestjoni tal-programmi u l-analitika tan-networks.Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri preventivi u korrettivi biex tiżgura parteċipazzjoni wiesgħa, tevita konċentrazzjonijiet mhux iġġustifikati u tikseb impatt wiesa' fuq l-Unjoni kollha.
	Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari:
	(a) tistabbilixxi limiti indikattivi minimi, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, għall-allokazzjoni ta' finanzjament lill-istart-ups u lill-applikanti għall-ewwel darba fl-ambitu ta' ċerti sejħiet jew strumenti tal-FEK;
	(b) tappoġġa l-integrazzjoni ta' entitajiet minn Stati Membri differenti fil-ktajjen tal-valur tas-Suq Uniku, kif imsemmi fl-Artikolu 16, inkluż billi tiġi promossa l-kompożizzjoni multinazzjonali tal-konsorzji jew fil-katina tal-valur. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi regolarment lill-Istati Membri fit-tfassil u fil-monitoraġġ ta' dawk il-miżuri.

Or. en

Emenda 1890
Brigitte van den Berg, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fi proċeduri tal-għoti implimentati skont il-FEK, għandha tingħata prijorità lil applikazzjonijiet ippreżentati minn konsorzji li jinkludu kumpaniji stabbiliti fi Stati Membri differenti. Il-kumitati ta' evalwazzjoni jistgħu japplikaw bonus ta' finanzjament għar-rata ta' finanzjament jew għall-punteġġ tal-għoti ta' tali konsorzji jekk mill-inqas waħda mill-kumpaniji parteċipanti tkun stabbilita f'territorju li jkun irċieva appoġġ taħt il-fond għal Tranżizzjoni Ġusta kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1056.

Or. en

Emenda 1891
Dan Nica, Borys Budka

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fi proċeduri tal-għoti implimentati skont il-FEK, għandha tingħata prijorità lil applikazzjonijiet ippreżentati minn konsorzji li jinkludu kumpaniji stabbiliti fi Stati Membri differenti. Il-kumitati tal-evalwazzjoni għandhom japplikaw bonus ta' finanzjament għar-rata ta' finanzjament jew għall-punteġġ tal-għoti ta' tali konsorzji jekk mill-inqas waħda mill-kumpaniji parteċipanti tkun stabbilita f'reġjun tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni affettwat mill-gwerra ta'

aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżorsi tal-FEK għandhom jintefqu b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha, speċjalment dawk aktar esposti mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li tiġi evitata l-konċentrazzjoni biss f'xi wħud minnhom.

Emenda 1892
Rihards Kols, Cristian Terheş
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fi proċeduri tal-għoti implimentati skont il-FEK, għandha tingħata prijorità lil applikazzjonijiet ippreżentati minn konsorzji li jinkludu kumpaniji stabbiliti fi Stati Membri differenti. Il-kumitati tal-evalwazzjoni jistgħu japplikaw bonus ta' finanzjament għar-rata ta' finanzjament jew għall-punteġġ tal-għoti ta' tali konsorzji jekk mill-inqas waħda mill-kumpaniji parteċipanti tkun stabbilita f'reġjun tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni affettwat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Or. en

Emenda 1893
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fi proċeduri tal-għoti implimentati skont il-FEK, għandha tingħata prijorità

lil applikazzjonijiet ippreżentati minn konsorzji li jinkludu kumpaniji stabbiliti fi Stati Membri differenti. Il-kumitati tal-evalwazzjoni jistgħu japplikaw bonus ta' finanzjament għar-rata ta' finanzjament jew għall-punteġġ tal-għoti ta' tali konsorzji jekk mill-inqas waħda mill-kumpaniji parteċipanti tkun stabbilita f'reġjun tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni affettwat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Or. en

Emenda 1894
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. F'ċerti ċirkostanzi debitament sostanzjati, il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inkluż mal-punt (e).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1895
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. F'ċerti ċirkostanzi debitament sostanzjati, il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inkluż mal-punt (e).	5. F'ċerti ċirkostanzi debitament sostanzjati ***u eċċezzjonali***, il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inkluż mal-punt (e).

Or. en

Emenda 1896
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Għall-proċeduri kollha tal-għoti skont il-FEK, il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi mira ta' żmien għall-għotja li ma taqbiżx it-tmien xhur mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti sal-iffirmar tal-impenn legali. Għall-proċeduri ta' għoti mmirati lejn l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, inklużi dawk li jibbenefikaw mill-bonusijiet tal-SMEs imsemmija fl-Artikolu 25, iż-żmien għall-għotja ma għandux jaqbeż il-ħames xhur u għandhom japplikaw obbligi tal-awditjar u tar-rapportar proporzjonati u ħfief. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-konformità ma' dawn il-miri fir-Rapport Annwali tal-Attività msemmi fl-Artikolu 74(9) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kemm ir-rapport Letta kif ukoll ir-rapport Draghi jidentifikaw id-durata u l-kumplessità tal-proċeduri tal-għoti tal-Unjoni bħala dgħufija strutturali għall-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari għall-SMEs u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja. Il-premessi tal-proposta tal-Kummissjoni jimpenjaw lill-FEK favur proċeduri ċċentrati fuq l-utent, rapidi u armonizzati li għandhom jissarrfu f'mira ġenerali ta' żmien għall-għotja u mira iqsar għal proċeduri mmirati lejn l-SMEs. L-obbligu ta' rapportar jippermetti monitoraġġ effettiv mingħajr ma joħloq piż amministrattiv addizzjonali fuq il-benefiċjarji.

Emenda 1897
Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji.	6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji. ***Għandha tingħata preferenza lil strumenti bbażati fis-suq. Il-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jagħtu prijorità lit-tnaqqis tar-riskji li jimmassimizza l-ingranaġġ privat. L-għotjiet diretti għandhom jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva u f'komplementarjetà stretta mal-kapital privat.***

Or. en

Emenda 1898
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-appoġġ tal-Unjoni ***jista'*** jingħata ***fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet,*** akkwist***, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji.***	6. L-appoġġ tal-Unjoni ***għandu*** jingħata ***primarjament biex jippromwovi l-investiment pubbliku dirett, permezz ta' self u*** akkwist ***pubbliku;***

Or. en

Emenda 1899
Yvan Verougstraete, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Bart Groothuis

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji.	6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji***, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati***.

Or. en

Emenda 1900
Thomas Pellerin-Carlin, Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji.	6. L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, ***parteċipazzjonijiet fl-ekwità,*** premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, garanziji baġitarji, u strumenti finanzjarji.

Or. en

Emenda 1901
Jörgen Warborn, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Bħala punt tat-tluq u bħala regola ġenerali, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata fil-forma ta' garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji. L-għotjiet diretti jistgħu jingħataw biss f'każijiet

eċċezzjonali u meta jkun hemm raġunijiet konvinċenti biex isir dan.

Or. sv

Emenda 1902
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Ir-rekwiżiti ta' rapportar, monitoraġġ, awditjar u kontroll imposti fuq il-benefiċjarji, ir-riċevituri finali u riċevituri oħra tal-appoġġ tal-Unjoni, f'setturi li mhumiex ikkunsidrati bħala setturi ta' riskju għoli, għandhom ikunu proporzjonati għall-ammont ta' appoġġ tal-Unjoni, il-profil ta' riskju tal-azzjoni u t-tip ta' benefiċjarju.

Or. en

Emenda 1903
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Cristina Maestre, Maria Grapini, Giorgio Gori, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jew għażliet ta'	8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jew għażliet ta'

kostijiet simplifikati, fejn meħtieġ. Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-Istati Membri.	kostijiet simplifikati, fejn meħtieġ. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-operaturi ta' kull daqs.*** Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1904
Nicola Procaccini, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jew għażliet ta' kostijiet simplifikati, fejn meħtieġ. Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-Istati Membri.	8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jew għażliet ta' kostijiet simplifikati, fejn meħtieġ. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-operaturi ta' kull daqs.*** Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-

Istati Membri.

Or. en

Emenda 1905
Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jew għażliet ta' kostijiet simplifikati, fejn meħtieġ. Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-Istati Membri.	8. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jiġi pprovdut fil-forma ta' għotja, inkluż meta kkombinat f'operazzjonijiet ta' taħlit ma' forom oħra ta' appoġġ ripagabbli mhux appoġġat mill-baġit tal-Unjoni, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 125(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, jew għażliet ta' kostijiet simplifikati, fejn meħtieġ. Il-finanzjament jista' jiġi pprovdut ukoll fil-forma ta' rimborż tal-kost reali eliġibbli meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor jew meta din il-formola tkun meħtieġa biex tippermetti sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż finanzjament mill-Istati Membri. ***L-għajnuna finanzjarja ma għandhiex tappoġġa l-kostijiet operazzjonali.***

Or. en

Emenda 1906
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-finanzjament tal-Unjoni

pprovdut fil-forma ta' għotja għandu jkun iddedikat esklużivament għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, entitajiet tal-ekonomija soċjali u għal entitajiet legali bi skop ta' qligħ oħra li huma SMEs jew scale-ups innovattivi.

Or. en

Emenda 1907
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-paragrafu 8a ma għandux japplika għall-appoġġ għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt d, il-punt (2), l-inċiż (ii).

Or. en

Ġustifikazzjoni

għotjiet permessi għal R&Ż kollaborattivi fil-qasam tad-difiża

Emenda 1908
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ***għal azzjonijiet li jimplimentaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni,*** il-kumitat ta' evalwazzjoni ***jista'*** jkun kompost ***parzjalment jew kompletament*** minn esperti esterni indipendenti.	9. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat ta' evalwazzjoni ***għandu*** jkun kompost minn esperti esterni indipendenti***, dment li ma jkunx debitament ġustifikat***.

Or. en

Emenda 1909
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għal azzjonijiet li jimplimentaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, il-kumitat ta' evalwazzjoni ***jista'*** jkun kompost ***parzjalment jew kompletament*** minn esperti esterni indipendenti.	9. F'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għal azzjonijiet li jimplimentaw attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, il-kumitat ta' evalwazzjoni ***għandu*** jkun kompost minn ***maġġoranza ta'*** esperti esterni indipendenti.

Or. en

Emenda 1910
Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Il-Kummissjoni għandha, safejn possibbli, tagħti attenzjoni xierqa, soġġetta għall-ispeċifiċitajiet tas-settur, biex tiżgura rappreżentanza xierqa bejn il-ġeneri u pan-Ewropea tal-għarfien espert u tal-esperjenza fil-kumitati ta' evalwazzjoni, kif ukoll f'korpi konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti, inkluż permezz tal-involviment ta' esperti nazzjonali.

Or. en

Emenda 1911
Mirosława Nykiel, Borys Budka, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Il-Kummissjoni għandha, safejn possibbli, tagħti attenzjoni xierqa, soġġetta għall-ispeċifiċitajiet tas-settur, biex tiżgura rappreżentanza xierqa bejn il-ġeneri u pan-Ewropea tal-għarfien espert u tal-esperjenza fil-kumitati ta' evalwazzjoni, kif ukoll f'korpi konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti, inkluż permezz tal-involviment ta' esperti nazzjonali.

Or. en

Emenda 1912
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Klara Dostalova, Afroditi Latinopoulou, Anna Bryłka

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Il-Kummissjoni għandha, safejn possibbli tagħti attenzjoni xierqa, soġġetta għall-ispeċifiċitajiet tas-settur, biex tiżgura rappreżentanza xierqa pan-Ewropea tal-għarfien espert u tal-esperjenza fil-kumitati ta' evalwazzjoni, kif ukoll f'korpi konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti, inkluż permezz tal-involviment ta' esperti nazzjonali.

Or. en

Emenda 1913
Michał Kobosko, Martin Hojsík, Ivars Ijabs, Lucia Yar, Joanna Scheuring-Wielgus, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha soġġetta għall-ispeċifiċitajiet tas-settur, biex tiżgura rappreżentanza xierqa bejn il-ġeneri u pan-Ewropea tal-għarfien espert u tal-esperjenza fil-kumitati ta' evalwazzjoni, kif ukoll f'korpi konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti, inkluż permezz tal-involviment ta' esperti nazzjonali.

Or. en

Emenda 1914
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. ***Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati.***	11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija.

Or. en

Emenda 1915
Christian Ehler, Oliver Schenk, Matej Tonin, Adina Vălean, Pilar del Castillo Vera, Hildegard Bentele, Angelika Niebler, Eszter Lakos, Virgil-Daniel Popescu, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. ***Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati.***	11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija.

Or. en

Emenda 1916
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Cristina Maestre, Maria Grapini, Giorgio Gori, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati.	11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati ***u strutturi ta' governanza inklużivi, bl-għan li jiġu promossi t-trasparenza u r-rappreżentanza bilanċjata***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-koordinazzjoni effettiva bejn il-FEK u strumenti oħra tal-Unjoni hija essenzjali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, jiġu massimizzati s-sinerġiji u tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti. Il-promozzjoni ta' approċċi ta' investiment fit-tul u bbażati fuq il-post, filwaqt li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, se ttejjeb l-aċċessibbiltà għall-benefiċjarji ta' kull daqs u tikkontribwixxi għall-kompetittività, ir-reżiljenza u l-koeżjoni territorjali sostenibbli madwar l-Unjoni, f'konformità mal-objettivi tal-politika ta' koeżjoni.

Emenda 1917
Nicola Procaccini, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati.	11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati***, u strutturi ta' governanza inklużivi, li jiżguraw trasparenza u rappreżentanza bilanċjata***.

Or. en

Emenda 1918
Andreas Glück, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti	11. Fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, partijiet mill-FEK jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati jew Pubbliċi-Pubbliċi stabbiliti taħt il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu inkarigati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lil impriżi konġunti stabbiliti

skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati.	skont l-Artikolu 187 TFUE. L-appoġġ mill-FEK għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja ***u/jew in natura*** proporzjonata minn sħab oħra li mill-inqas tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-impriżi konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura funzjonijiet amministrattivi ċentralizzati.

Or. en

Emenda 1919
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. L-evalwazzjoni tal-proposti għandha tkun ibbażata esklużivament fuq il-kwalità u l-eċċellenza tal-proposta, mingħajr ebda vantaġġ jew żvantaġġ li jirriżulta mil-livell tar-rata ta' kofinanzjament tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1920
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Minbarra r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proċeduri tal-għoti u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom	12. Minbarra r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proċeduri tal-għoti u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom

jippermettu t-terminazzjoni meta l-objettivi tal-azzjoni x'aktarx mhux se ***jinkisbu affattu jew fi skedi*** ta' żmien stabbiliti, jew ***l-azzjoni tkun tilfet ir-rilevanza politika tagħha***	jippermettu t-terminazzjoni meta l-objettivi tal-azzjoni x'aktarx mhux se ***jintlaħqu bl-ebda mod jew fl-iskedi*** ta' żmien stabbiliti, jew ***il-benefiċjarji ma jikkonformawx mal-ftehimiet kollettivi jew mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi soċjali u tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 1921
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. Fil-proġetti kollaborattivi fuq skala kbira u l-azzjonijiet kollha tal-katina tal-valur implimentati skont dan ir-Regolament, il-programmi ta' ħidma għandhom jipprevedu l-implimentazzjoni tal-Appoġġ Finanzjarju lil Partijiet Terzi (FSTP), jew "finanzjament kaskata", biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-istart-ups. Dawn is-sejħiet għandhom jużaw mudelli standardizzati u proċessi simplifikati biex jimminimizzaw il-kostijiet amministrattivi, u jipprovdu appoġġ tekniku u ta' taħriġ, inkluż mentoraġġ u aċċess għal infrastrutturi avvanzati, bl-assistenza tal-punti ta' kuntatt lokali.

Or. en

Emenda 1922
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

12a. L-appoġġ tal-Unjoni taħt il-FEK għandu jiġi pprovdut b'intensità ta' finanzjament ikkalibrata għan-natura, l-objettivi u l-karatteristiċi speċifiċi tal-azzjoni appoġġata, filwaqt li jitqiesu l-istadju tal-maturità u l-grad ta' riskju teknoloġiku, finanzjarju jew tas-suq, b'mod konsistenti mal-prinċipji applikabbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont ir-Regolament Finanzjarju u ma' programmi oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1923
Christian Ehler, Oliver Schenk, Matej Tonin, Adina Vălean, Pilar del Castillo Vera, Hildegard Bentele, Angelika Niebler, Eszter Lakos, Virgil-Daniel Popescu, Susana Solís Pérez, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. Meta l-attività appoġġata tikkonċerna l-produzzjoni fuq skala ta' oġġetti u l-appoġġ jingħata fil-forma ta' għotja, l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' inċentivi marbuta mal-produzzjoni.

Or. en

Emenda 1924
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. Meta l-attività appoġġata tikkonċerna l-produzzjoni fuq skala ta' oġġetti u l-appoġġ jingħata fil-forma ta' għotja, l-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' inċentivi marbuta mal-produzzjoni.

Or. en

Emenda 1925
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	12a. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata lil infrastrutturi lineari, il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jipprevedu li mill-inqas 50 % tal-finanzjament għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet.

Or. en

Emenda 1926
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Arranġamenti ta' kondiviżjoni vantaġġuża
	1. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja lil entità ġuridika bi skop ta' qligħ, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti adegwati ta' kondiviżjoni vantaġġuża bejn l-Unjoni u l-benefiċjarju.
	Dawk l-arranġamenti għandhom jiżguraw li, meta r-redditi rrealizzati tal-operazzjoni appoġġata jaqbżu l-projezzjonijiet tal-każ bażi approvati fiż-żmien tad-deċiżjoni tal-għoti, ir-redditi eċċessivi ġġenerati matul perjodu sa ħames snin kalendarji mill-pagament finali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni jitħallsu lura lill-baġit tal-Unjoni. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, dawk ir-ritorni għandhom jiġu vvalutati b'referenza għar-rata interna ta' redditu

tal-operazzjoni appoġġata.

Meta r-rata ta' redditu interna rrealizzata taqbeż ir-rata ta' redditu interna approvata tal-każ bażi, l-ammont sħiħ tar-redditu eċċessiv ogħla minn dik ir-rata ta' redditu interna approvata tal-każ bażi għandu jitħallas lura lill-baġit tal-Unjoni.

2. Meta l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż f'operazzjonijiet ta' taħlit, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti xierqa ta' riskji u benefiċċji bejn l-Unjoni, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u r-riċevituri finali. Dawk l-arranġamenti għandhom jiżguraw li l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fir-riskji ta' operazzjoni tkun korrispondenti għal parteċipazzjoni ġusta u proporzjonata fir-redditi ekonomiċi ġġenerati minn dik l-operazzjoni.

Meta l-appoġġ tal-Unjoni jintuża biex jassorbi l-ewwel telf jew inkella jnaqqas ir-riskju negattiv imġarrab mill-investituri privati, tali appoġġ għandu jkun kondizzjonali fuq mekkaniżmu korrispondenti li jiżgura li l-baġit tal-Unjoni jipparteċipa b'mod proporzjonat fi kwalunkwe vantaġġ iġġenerat mill-operazzjoni appoġġata.

Dik il-parteċipazzjoni għandha tkun addizzjonali għal kwalunkwe dħul dovut mod ieħor lill-Unjoni, inklużi tariffi ta' garanzija, imgħax, remunerazzjoni jew ammonti oħra, u għandha tiġi kkalkolata b'referenza għall-mekkaniżmu ta' redditu eċċessiv stabbilit fil-paragrafu 1, adattat għan-natura tal-garanzija baġitarja jew tal-istrument finanzjarju.

F'operazzjonijiet ta' taħlit, l-arranġamenti dettaljati għandhom jiddistingwu bejn redditi attribwibbli għall-appoġġ ripagabbli u redditi attribwibbli għall-komponent ta' appoġġ mhux ripagabbli.

Kwalunkwe redditu ġġenerat mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament u riċevut mis-sħab inkarigati mill-

implimentazzjoni għandu jiddaħħal fil-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 212(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

3. Id-dħul iġġenerat skont il-paragrafi 1 u 2 għandu jikkostitwixxi dħul assenjat intern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 84 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-metodoloġija u l-arranġamenti dettaljati meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inkluż il-kalkolu ta' redditi rrealizzati u redditi eċċessivi, it-trattament ta' forom differenti ta' appoġġ tal-Unjoni u l-kategoriji ta' benefiċjarji, il-limiti u l-perjodi ta' referenza applikabbli, l-obbligi ta' rapportar u awditjar, u l-modalitajiet għall-ħlas lura lill-baġit tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1927
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Klara Dostalova, András Gyürk, Vilis Krištopans, Ewa Zajączkowska-Hernik, Afroditi Latinopoulou, Anna Bryłka, Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Il-Fond għandu jiżgura distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tar-riżorsi billi jinkorpora kriterji ta' "eċċellenza inklużiva". Mill-inqas 25 % tal-baġit sa nofs it-terminu għandu jkun iddedikat għal konsorzji li jinkludu mill-inqas sieħeb wieħed mill-Istati Membri kklassifikati bħala Innovaturi Moderati jew Innovaturi Emerġenti fl-aħħar Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 (4a). Il-kriterji ta' evalwazzjoni għandhom

jippremjaw l-integrazzjoni tal-ekosistemi tal-innovazzjoni emerġenti fil-ktajjen tal-valur strateġiċi Ewropej.

Or. en

Emenda 1928
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni klassifikata, meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-proċeduri tal-għoti, l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni, inklużi r-rapportar u l-pagamenti, kif ukoll ***il-kontrolli***, ir-rieżamijiet, l-awditi u l-investigazzjonijiet.	***(4)*** L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni klassifikata, meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-proċeduri tal-għoti, l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni, inklużi r-rapportar u l-pagamenti, kif ukoll ***il-verifiki***, ir-rieżamijiet, l-awditi u l-investigazzjonijiet***, permezz ta' dispożizzjonijiet ċari u kundizzjonijiet ta' aċċess, inklużi perjodi ta' aċċess***.

Or. ro

Emenda 1929
András Gyürk

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Sabiex*** tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inklużi l-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament ugwali, fl-istadji kollha tal-proċeduri tal-għoti li jinvolvu informazzjoni klassifikata,	5. ***Biex*** tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, inklużi l-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament ugwali, fl-istadji kollha tal-proċeduri tal-għoti li jinvolvu informazzjoni klassifikata, id-data

id-data amministrattiva meħtieġa għall-evalwazzjoni, l-għoti u l-awditjar tal-appoġġ tal-Unjoni, limitata għal informazzjoni legali, finanzjarja u proċedurali, għandha tiġi ttrattata bħala informazzjoni sensittiva mhux klassifikata.	amministrattiva meħtieġa għall-evalwazzjoni, l-għoti u l-awditjar tal-appoġġ tal-Unjoni, limitata għal informazzjoni legali, finanzjarja u proċedurali, għandha tiġi ttrattata bħala informazzjoni sensittiva mhux klassifikata***, dment li kunsiderazzjonijiet tad-difiża u tas-sigurtà ma jkunux jinneċessitaw trattament differenti***.

Or. en

Emenda 1930
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni hija obbligata tistabbilixxi gwida ċara u komprensiva dwar il-ġestjoni u t-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali, sensittiva u klassifikata. Hija għandha tiżgura li l-Gwidi tal-Klassifikazzjoni tas-Sigurtà jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kapaċità operazzjonali tal-entitajiet ta' kull daqs, inklużi l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-parteċipanti tas-settur pubbliku, biex jimplimentaw tali rekwiżiti b'mod effettiv fl-ambjenti operattivi speċifiċi tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ambigwità fil-klassifikazzjoni tal-informazzjoni toħloq ostakli sinifikanti għall-parteċipazzjoni f'setturi strateġiċi. Din id-dispożizzjoni tagħti mandat għal gwida ċara u infurmata mill-partijiet ikkonċernati biex jiġu żgurati ċ-ċertezza operazzjonali u l-fattibbiltà mill-bidu tal-FEK u l-FP10, filwaqt li tiġi evitata l-frizzjoni amministrattiva għall-benefiċjarji kollha.

Emenda 1931

Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bordijiet għall-Governanza u Konsultattivi	***Governanza***

Or. en

Emenda 1932
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Huwa stabbilit*** Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati.	1. ***Jiġu stabbiliti Bord ta' Tmexxija tal-Istati Membri u*** Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati. ***Il-Bord ta' Tmexxija tal-Istati Membri għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, u għandu, qabel l-adozzjoni ta' kull programm ta' ħidma, jagħti opinjoni dwar l-orjentazzjonijiet strateġiċi tiegħu, id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi u l-użu ta' derogi minn proċeduri kompetittivi. L-opinjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istati Membri għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Or. en

Emenda 1933
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Grégory Allione, Christophe Grudler, Barry Andrews, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Huwa stabbilit Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati***.	1. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività bħala l-qafas ta' governanza ġenerali tal-FEK biex tappoġġa d-direzzjoni strateġika fit-tul tiegħu u tiżgura l-allinjament bejn il-FEK u l-miżuri ta' politika u l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż permezz tal-involviment effettiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali***.

Or. en

Emenda 1934
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Huwa stabbilit Bord ***Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati***.	1. Huwa stabbilit Bord ***Komuni għall-Futur Industrijali***.

Or. en

Emenda 1935
Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Huwa stabbilit Bord ***Strateġiku*** tal-Partijiet Ikkonċernati.	1. Huwa stabbilit Bord tal-Partijiet Ikkonċernati.

Or. en

Emenda 1936
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn***,*** ***skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq***, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. ***Il-Kummissjoni għandha torganizza l-ħatriet b'tali mod li tiżgura tiġdid gradwali tal-Bord, sabiex, bħala regola ġenerali, mhux aktar minn nofs u mhux anqas minn terz tal-membri jiġu sostitwiti fi tmiem kwalunkwe terminu partikolari, kemm għall-Bord kollu kemm hu kif ukoll, sa fejn ikun fattibbli, f'kull konfigurazzjoni orjentata lejn il-politika.*** Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà u għandhom ikunu soġġetti għal regoli stretti dwar l-indipendenza u dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, inkluż l-obbligu li jissottomettu u jaġġornaw dikjarazzjoni ta' interessi***.

Or. en

Emenda 1937
Bruno Tobback, Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn,	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn,

skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, ***u filwaqt li titqies*** il-ħtieġa ***għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi*** investituri ***privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq***. Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien espert xjentifiku***, ***akkademiku, finanzjarju jew professjonali tagħhom u l-esperjenza tagħhom fis-setturi rilevanti jew fl-ambjent ta' investiment. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll*** il-ħtieġa ***li tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata f'termini ta' settur, tat-tip u d-daqs tal-organizzazzjoni, tal-għarfien espert, tal-ġeneru, tal-età u tad-distribuzzjoni ġeografika. Il-Bord għandu jinkludi rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati industrijali u l-innovaturi, l-akkademja u l-komunità xjentifika, is-soċjetà ċivili u l-ekonomija soċjali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab ta' implimentazzjoni, u l-investituri privati u*** investituri ***oħrajn***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment clarifies the criteria for the appointment and composition of the ECF Strategic Stakeholders Board. By emphasizing expertise and ensuring balanced representation across sectors, stakeholders and geographical areas, the amendment strengthens the Board's capacity to provide high-quality strategic advice. Including representatives from industry, academia, civil society, regional and local authorities and investors ensures that the Board reflects the diversity of actors involved in the Union's competitiveness and investment ecosystem, thereby enhancing the legitimacy and effectiveness of its work.

Emenda 1938
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord ***Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK*** għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa	2. Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru mill-Kummissjoni***, f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew***

miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn***, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u*** filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur***, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs***, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.

u l-Istati Membri, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn ***li huma. Il-Bord għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' gvernijiet nazzjonali/reġjonali, setturi strateġiċi, trade unions, organizzazzjonijiet pubbliċi ta' riċerka, u l-pubbliku ġenerali, fi proporzjon ibbilanċjat,*** filwaqt li titqies ***ukoll*** il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***. L-ebda settur ma għandu jkollu maġġoranza***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***ma għandu jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess u*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***. ***Il-Parlament Ewropew għandu jaħtar żewġ rappreżentanti addizzjonali. Il-Bord għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.***

Or. en

Emenda 1939
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq***, u filwaqt li titqies*** il-ħtieġa għal bilanċ ***fis-settur***, fit-tip ta' organizzazzjoni***, inklużi investituri privati***, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa***, ġusta u trasparenti*** għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq***. Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru primarjament abbażi tal-għarfien espert xjentifiku jew prattiku tagħhom tas-setturi u tal-ambjent tal-investiment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tqis*** il-ħtieġa għal bilanċ ***fis-setturi u fid-dixxiplini rrappreżentati, inkluż bilanċ bejn il-membri tas-settur privat u l-membri li***

jenħtieġ li jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	***jaġixxu fl-interess tal-pubbliku ġenerali***, fit-tip ta' organizzazzjoni, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1940
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. ***Għandha tiġi żgurata rappreżentanza adegwata u bbilanċjata tal-mikrointrapriżi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tiggarantixxi sede permanenti għal rappreżentant tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs fuq il-Bord.*** It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali għandhom ikunu rrappreżentati fuq il-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK minħabba li għandhom għarfien dirett tal-ekosistemi industrijali territorjali. L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-mikrointrapriżi u l-SMEs irid ikollhom sede permanenti garantita biex jiġi żgurat li l-prijoritajiet tal-Fond jirriflettu l-ħtiġijiet tal-maġġoranza l-kbira tan-negozji Ewropej.

Emenda 1941
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq***, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi*** investituri privati, u ***fid-daqs, fl-għarfien*** espert, ***fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni*** ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni ***abbażi ta' kriterji tal-għażla ċari***, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq***. Sabiex il-FEK jiġi allinjat mar-realtajiet tas-suq, jappoġġa riżervi ta' investiment pluriennali prevedibbli, u jattira l-investiment privat, għandha tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' esperti mill-industrija Ewropea u nazzjonali ta' kull daqs, rappreżentanti tar-riċerka u l-innovazzjoni, u*** investituri privati, u ***b'hekk tiġi ggarantita kompożizzjoni verament ibbilanċjata, filwaqt li jitqiesu l-għarfien*** espert, ***il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni*** ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1942
András Gyürk

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, ***universitajiet u istituzzjonijiet ta' riċerka,*** u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***. Il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati Strateġiċi għandha tinkludi mill-inqas persuna nominata waħda minn kull Stat Membru, biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom vuċi fl-orjentazzjoni strateġika tal-FEK***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1943
Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati,	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati,

u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.

universitajiet u istituzzjonijiet ta' riċerka, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***. Il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati Strateġiċi għandha tinkludi mill-inqas persuna nominata waħda minn kull Stat Membru, biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom vuċi fl-orjentazzjoni strateġika tal-FEK***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1944
Nicolás González Casares, Mohammed Chahim, Elena Sancho Murillo, Lina Gálvez, Yannis Maniatis, Thomas Pellerin-Carlin, Annalisa Corrado, Christophe Clergeau, Bruno Tobback, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, ***u filwaqt li titqies*** il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa ***u trasparenti*** għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq***. Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru primarjament abbażi tal-għarfien espert xjentifiku***, ***tekniku jew prattiku tagħhom tas-setturi u tal-ambjent tal-investiment. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għandha tqis*** il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert ***xjentifiku, fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili***, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1945
Nicola Procaccini, Carlo Fidanza, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u ***filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni,*** inklużi investituri privati, ***u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara ***proċess trasparenti bbażat fuq kriterji tal-għażla ċari u*** sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u inklużi ***esperti mill-industrija Ewropea u nazzjonali u organizzazzjonijiet rappreżentattivi tar-riċerka u l-innovazzjoni u*** investituri privati, ***filwaqt li tiġi żgurata kompożizzjoni verament ibbilanċjata. L-involviment sinifikattiv tal-industrija se jitqies essenzjali biex il-FEK jiġi allinjat mar-realtajiet tas-suq, jappoġġa riżervi ta' investiment pluriennali prevedibbli, u jattira l-investiment privat***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1946
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom

jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. ***Trid tinkiseb rappreżentanza bbilanċjata tas-sħab soċjali fil-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati.*** It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***. ***Il-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati jadotta opinjonijiet annwali, li jridu jitqiesu fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma annwali.***
	Or. en

Emenda 1947
Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, ***awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali*** u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***.*** ***Minbarra l-Bord Konsultattiv Strateġiku, l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jiġu inklużi fid-diversi strutturi ta' governanza uffiċjali żviluppati skont dan ir-Regolament***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u

jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1948
Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, ***awtoritajiet pubbliċi reġjonali,*** u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***. ***Minbarra l-Bord Konsultattiv Strateġiku, l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jiġu inklużi fid-diversi strutturi ta' governanza uffiċjali żviluppati skont dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-reġjuni, b'mod partikolari dawk b'attivitajiet ta' innovazzjoni sinifikanti, għandhom ikunu rrappreżentati b'mod strutturat fuq il-Bord tal-Istrateġija tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Bħala atturi u ċentri ewlenin fejn jikkonċentraw l-impjiegi, il-kumpaniji u l-investimenti, ir-reġjuni għandhom għarfien dirett tal-ħtiġijiet ta' investiment, tal-lakuni fis-suq, u tal-prijoritajiet ta' politika, u għandhom rwol kruċjali fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet attraenti għan-negozji u l-investituri, minbarra li huma xerrejja pubbliċi, u b'hekk isaħħu l-kompetittività ġenerali tal-ekonomija.

Emenda 1949
Christophe Grudler, Yvan Verougstraete, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. ***Il-membri tal-Bord għandhom jirrappreżentaw entitajiet stabbiliti fl-Unjoni u mhux soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz jew minn entità ta' pajjiż terz.*** It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1950
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta'	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta'

organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. ***Il-membri tal-Bord għandhom ikunu biss entitajiet tal-UE. L-entitajiet ibbażati fl-UE ta' oriġini barranija ma għandhomx ikunu eliġibbli.*** It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.
	Or. en

Emenda 1951
Paulo Cunha, Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***, inkluża rappreżentanza mir-reġjuni ultraperiferiċi kif definiti f'artikolu speċifiku fit-TFUE***. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.
	Or. en

Emenda 1952
Jens Gieseke, David McAllister

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li ***tiġi żgurata rappreżentazzjoni tas-setturi strateġiċi u*** titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1953
Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord ***Strateġiku*** tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri ***tal-Bord jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità ***u onesta***.	2. Il-membri tal-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri ***għandhom*** jaġixxu b'integrità***, onestà u indipendenza sħiħa minn kwalunkwe struzzjoni politika***.

Or. en

Emenda 1954
Elisabetta Gualmini, Grégory Allione, Bart Groothuis, Morten Løkkegaard, Yvan Verougstraete, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***jenħtieġ li*** jaġixxu b'integrità u ***onesta***.	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri privati, ***awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali,*** u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord ***għandhom*** jaġixxu b'integrità u ***onestà***.

Or. en

Emenda 1955
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi investituri ***privati, u fid-daqs***, fl-għarfien espert***, fil-ġeneru,***	2. Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi ***rappreżentanti ta' gruppi industrijali Ewropej, kumpaniji***

fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. ***It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord jenħtieġ li jaġixxu b'integrità u onesta.***	***mid-caps, fondi ta' kapital ta' riskju jew ta' ekwità privata,*** investituri ***istituzzjonali, u fondi tal-pensjonijiet u maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv***, fl-għarfien espert u fid-distribuzzjoni ġeografika.

Or. en

Emenda 1956
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Christophe Grudler, Barry Andrews, Emma Wiesner, Laurence Farreng, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-membri tal-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni ssib li huwa aktar xieraq, u filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni***, inklużi ***investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika***. ***It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord jenħtieġ li jaġixxu b'integrità u onesta.***	2. ***Il-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività għandu b'mod partikolari jiżgura sinerġija u implimentazzjoni konsistenti mal-fondi tal-Unjoni b'mod partikolari, Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u fejn rilevanti, l-Ewropa Globali, Erasmus+, il-Faċilità tal-UE, il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-istrateġiji reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Il-mekkaniżmu jista' jidentifika wkoll ostakli għas-sinerġiji u l-koordinazzjoni ma' finanzjament ieħor tal-UE***, inklużi ***inkonsistenzi fl-eliġibbiltà***.

Or. en

Emenda 1957
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Bord Strateġiku tal-Partijiet

Ikkonċernati għandu jkun magħmul minn 30 membru:

(a) 10 membri li jirrappreżentaw, fi proporzjonijiet bilanċjati, kumpaniji li joperaw fl-Unjoni, inklużi start-ups u scale-ups, SMEs, SMCs u impriżi kbar minn setturi differenti tal-ekonomija, inkluża l-ekonomija soċjali;

(b) 10 membri li jirrappreżentaw is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra li joperaw fl-Unjoni;

(c) 5 membri li huma esperti indipendenti u ta' livell għoli mill-akkademja, mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew mill-ekosistemi tal-innovazzjoni rikonoxxuti bħala għarfien espert rilevanti għall-objettivi u għall-attivitajiet tal-FEK;u

(d) 5 membri li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 1958
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Grégory Allione, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez, Bart Groothuis, Sophie Wilmès

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord Strateġiku tal-Partijiet*** Ikkonċernati ***tal-FEK. Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbuta b'dawn it-termini***.	3. ***Għandu jqis ukoll il-kontribut mir-rapporti rilevanti, inklużi s-semestru Ewropew, il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, kif ukoll il-kontribut mill-osservatorju dwar it-teknoloġiji emerġenti u l-bord tal-partijiet*** ikkonċernati***. Għandu jiżgura wkoll applikazzjoni koerenti mal-inizjattivi eżistenti u futuri tal-Unjoni, inklużi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji***

Strateġiċi għall-Ewropa, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika.

Or. en

Emenda 1959
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK. Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbuta b'dawn it-termini.	***(3)*** Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK. Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbuta b'dawn it-termini***, inkella jkunu responsabbli għall-konsegwenzi f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ***.

Or. ro

Emenda 1960
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord ***Strateġiku*** tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK. Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbuta ***b'dawn it-termini.***	3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK. Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbuta ***bit-termini stabbiliti mill-Kummissjoni kif ukoll b'dan li ġej:***

Or. en

Emenda 1961
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) kwalunkwe attività mwettqa għall-eżekuzzjoni ta' pożizzjoni fil-bord ma għandhiex tiġi remunerata, minbarra r-rimborż tal-kostijiet strettament relatati mal-mandat;

Or. en

Emenda 1962
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 2007
Nicola Procaccini, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma, bil-ħolqien ta' pjattaforma tematika waħda jew aktar għal kull tieqa.	11. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati***, inklużi rappreżentanti tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs,*** jiġu kkonsultati fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma, bil-ħolqien ta' pjattaforma tematika waħda jew aktar għal kull tieqa.

Or. en

Emenda 2008
András Gyürk

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. Il-FEK għandu jipprovdi kapaċitajiet konsultattivi dedikati għall-proġetti biex jappoġġa l-applikanti mill-Istati Membri kollha, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-Istati Membri l-ġodda u lir-reġjuni inqas rappreżentati. Biex tikkoreġi l-iżbilanċi ġeografiċi eżistenti fl-aċċess għall-appoġġ konsultattiv, il-Kummissjoni għandha tiżgura livell minimu garantit ta' servizzi konsultattivi għall-applikanti minn Stati Membri sottorappreżentati, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' għadd minimu ta' sigħat konsultattivi għal kull Stat Membru fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena dwar l-użu tas-servizzi konsultattivi skont l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 2009
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, qabel id-dħul fis-seħħ ta' kull programm ta' ħidma, valutazzjoni tal-impatt regolatorju li tikkwantifika l-piż amministrattiv kumulattiv impost fuq il-benefiċjarji mill-obbligi ta' rapportar tal-Fond. Meta l-piż kumulattiv jaqbeż it-3 % tal-valur tal-għoti, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri korrettivi.

Or. en

Emenda 2010
Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. Minħabba l-importanza mġedda ta' InvestEU, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jistabbilixxi arranġamenti xierqa biex jikkonforma mal-oġħla standards ta' sorveljanza prudenzjali esterna, filwaqt li jqis l-adattamenti meħtieġa derivati mill-mudell kummerċjali uniku tal-BEI.

Or. en

Emenda 2011
Borys Budka, Eva Maydell, Romana Tomc, Adina Vălean, Gheorghe Falcă, Daniel Buda, Ioan-Rareş Bogdan, Siegfried Mureşan, Tomáš Zdechovský, Inese Vaidere, Virgil-Daniel Popescu, Andrzej Halicki, Loránt Vincze, Iuliu Winkler, Mirosława Nykiel, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Miriam Lexmann, Karlo Ressler, Eszter Lakos, Nikolina Brnjac, Davor Ivo Stier, Danuše Nerudová, Jan Farský, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Andrey Novakov, Ilia Lazarov, Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Kunsill Konsultattiv Ekonomiku u Teknoloġiku
	1. Huwa stabbilit Kunsill Konsultattiv Ekonomiku u Teknoloġiku (il-"Kunsill Konsultattiv"). 2. Il-membri tal-Kunsill Konsultattiv għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew sejħa miftuħa għal espressjonijiet ta' interess. It-terminu tal-membri tal-Kunsill Konsultattiv għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista'

jiġġedded darba. Il-membri tal-Kunsill Konsultattiv għandhom jaġixxu b'integrità u onestà. Għandu jkun hemm massimu ta' 15-il membru fi kwalunkwe ħin partikolari. L-għażla tal-membri għandha ssegwi l-prinċipju tad-diversità ġeografika fl-Unjoni. 3. Il-membri tal-Kunsill Konsultattiv għandhom jintgħażlu abbażi tal-għarfien espert tagħhom fl-ekonomija, fl-innovazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija, speċjalment fis-setturi koperti mill-FEK. L-esperti għandhom jiġu minn sfondi professjonali u istituzzjonali differenti minn madwar l-akkademja u s-settur privat. 4. Il-Kunsill Konsultattiv għandu jkollu l-kompiti li ġejjin: (a) jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżviluppi ekonomiċi fl-Unjoni, inkluż l-istat ta' konverġenza tal-innovazzjoni fl-Istati Membri kollha; (b) jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżviluppi teknoloġiċi u tal-innovazzjoni fis-setturi koperti mill-FEK; (c) jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar oqsma ta' falliment tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali li jistgħu jiġu indirizzati fl-implimentazzjoni tal-FEK; (d) jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' portafolli strateġiċi fis-setturi kollha koperti mill-FEK. Il-Kunsill Konsultattiv ma għandu jkollu l-ebda rwol fir-rigward tas-setturi tas-sigurtà u d-difiża, kif ukoll fl-attivitajiet għal dawk is-setturi ffinanzjati mill-FEK. 5. F'Settembru ta' kull sena l-Kunsill Konsultattiv għandu jippubblika rapport annwali li jkun fih prospettiva dwar l-ekonomija Ewropea għas-snin ta' wara. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-FEK fir-rigward tal-kompiti tal-Kunsill Konsultattiv skont il-paragrafu 4, kif ukoll l-analiżi sottostanti. 6. Il-Kummissjoni, matul l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandha tkun iggwidata mir-rakkomandazzjonijiet u l-analiżi mir-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 4 u tqishom kif xieraq. 7. Il-Kunsill Konsultattiv għandu jaġixxi

b'mod indipendenti mill-Kummissjoni. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, il-membri tal-Kunsill Konsultattiv la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni, jew minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra. 8. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kunsill Konsultattiv b'riżorsi u persunal adegwati biex iwettaq l-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament. Il-persunal allokat lill-Kunsill Konsultattiv għandu jieħu struzzjonijiet mill-Kunsill Konsultattiv biss. Il-Kunsill Konsultattiv għandu jingħata aċċess għall-għarfien espert intern rilevanti tal-Kummissjoni. 9. Il-Kunsill Konsultattiv, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar ir-regoli ta' proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Kunsill Konsultattiv. Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu marbuta b'dawn it-termini.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tar-rapport Ehler-Nica ġiet estiża.

Emenda 2012
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Kumitat tal-Investiment
	1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Investiment kompletament indipendenti fl-ambitu tal-Istrument InvestEU tal-FEK (il-"Kumitat tal-Investiment").
	2. Il-Kumitat tal-Investiment għandu jiltaqa' f'ħames konfigurazzjonijiet

differenti, li jikkorrispondu għall-objettivi trażversali fl-Artikolu 3 u għall-erba' twieqi ta' politika msemmija fl-Artikolu 1(2).

3. Kull konfigurazzjoni tal-Kumitat tal-Investiment għandha tkun magħmula minn sitt esperti esterni remunerati. L-esperti għandhom jintgħażlu wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn li huma, skont liema l-Kummissjoni ssib bħala l-aktar xierqa, u għandhom jinħatru mill-Kummissjoni. L-esperti għandhom jinħatru għal terminu limitat ta' tliet snin u nofs, li jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Kumitat għandhom jaġixxu b'integrità u onestà, iwettqu dmirijiethom b'mod imparzjali u fl-interess uniku tal-FEK u ma għandhom ifittxu jew jieħdu istruzzjonijiet mingħand l-ebda korp pubbliku jew privat. Huma għandhom ikunu remunerati mill-Unjoni.

4. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Investiment għandha tiżgura li dan ikollu għarfien wiesa' tat-twieqi ta' politika msemmija fl-Artikolu 1(2), inkluża esperjenza tas-suq fl-istrutturar u fil-finanzjament tal-proġetti jew fil-finanzjament tal-SMEs, tal-istart-ups jew tal-korporazzjonijiet, kif ukoll għarfien wiesa' tas-swieq ġeografiċi fl-Unjoni, u għandha tiżgura li l-Kumitat tal-Investiment b'mod kumplessiv jirrispetta l-bilanċ bejn il-ġeneri.

5. Erba' membri tal-Kumitat tal-Investiment għandhom ikunu membri permanenti ta' kull waħda mill-ħames konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment. Il-Kumitat tal-Investiment għandu jeleġġi president minn fost il-membri permanenti tiegħu u dan għandu jkun assistit minn segretarjat, li jkollu s-sede amministrattiva tiegħu fil-Kummissjoni.

6. Il-Kumitat tal-Investiment għandu jeżamina l-proposti għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment sottomessi mis-sħab ta' implimentazzjoni għall-

kopertura taħt il-garanzija tal-Unjoni u jivverifika l-konformità mar-regoli applikabbli tal-proposti għall-finanzjament taħt l-Istrument InvestEU tal-FEK.

7. Il-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha, dment li tali maġġoranza sempliċi tinkludi tal-inqas wieħed mill-membri mhux permanenti tal-konfigurazzjoni relatata mat-tieqa ta' politika li taħtha ssir il-proposta. Fil-każ ta' parità, il-president tal-Kumitat tal-Investiment għandu jkollu l-vot deċiżiv.

8. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli ta' proċedura, ta' kunflitti ta' interess u ta' kunfidenzjalità għall-Kumitat tal-Investiment. Il-membri tal-Kumitat għandhom ikunu marbuta b'dawn it-termini.

9. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat regolarment mill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-Kumitat u għandu jirċievi l-konklużjonijiet kollha mħejjija mill-Kumitat fi żmien xieraq.

Or. en

Emenda 2013
Giorgio Gori, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Promozzjoni ta' Ekosistemi Industrijali Innovattivi u bbażati fuq il-Post
	Il-FEK għandu jippromwovi u jisfrutta l-potenzjal ta' ekosistemi industrijali innovattivi u bbażati fuq il-post billi jitgħallem mid-dinamika lokali, jallinja l-

investimenti Ewropej ma' prijoritajiet kondiviżi, u jwessa' l-potenzjal għat-tkabbir tal-produttività, u b'hekk jiżgura implimentazzjoni u espansjoni aħjar.

Dan għandu jinkiseb permezz tal-allinjament tal-istrutturi ta' governanza fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali mal-prijoritajiet ewlenin, u b'hekk tiġi pprovduta l-bażi għall-involviment attiv tal-ekosistemi territorjali fl-objettivi speċifiċi tal-fond.

Għandhom jiġu previsti l-azzjonijiet li ġejjin:

a) il-promozzjoni ta' sinerġiji effettivi bl-għaqda tal-appoġġ tal-UE għall-innovazzjoni u l-ekosistemi industrijali bbażati fuq il-post permezz ta' strateġiji mġedda ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-reġjuni tal-Ewropa li jkunu allinjati mal-għanijiet fit-tul Ewropej tas-sostenibbiltà u l-inklużività;

b) il-promozzjoni ta' sinerġiji effettivi bl-għaqda tal-appoġġ lokali, reġjonali u nazzjonali minn strateġiji mġedda ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti lejn il-prijoritajiet tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-UE;

c) l-għoti ta' aktar importanza lill-ekosistemi industrijali ta' innovazzjoni u bbażati fuq il-post permezz ta' miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet li jippromwovu approċċi ta' innovazzjoni trasformattivi;

d) l-abilitazzjoni għall-ħolqien konġunt u t-tagħlim reċiproku bejn l-oqsma ta' politika, il-fruntieri u l-livelli ta' governanza biex tiġi żgurata l-koerenza orizzontali u vertikali permezz tal-appoġġ għan-networking tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, b'mod partikolari tul il-ktajjen tal-valur Ewropej;

e) il-forniment ta' riżorsi għall-iżvilupp ta' approċċi ġodda fil-promozzjoni tal-innovazzjoni u għall-ittestjar tagħhom fil-livell lokali/reġjonali, permezz ta' spazji ta' tagħlim regolatorju ddedikati;

f) miżuri ta' appoġġ li jippromovu s-

sħubija u l-governanza f'diversi livelli ta' politiki u miżuri li jappoġġaw it-trasformazzjoni xprunata mill-innovazzjoni u bbażata fuq il-post b'mod koordinat u konsistenti.

Kull objettiv ta' finanzjament tal-FEK għandu jqis il-ħtieġa li jintlaħqu s-sistemi ta' innovazzjoni bbażati fuq il-post meta jimplimentaw il-politiki tagħhom.

Dawn l-azzjonijiet għandhom jappoġġaw ukoll il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi, speċjalment l-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups u l-mid-caps, fil-ktajjen tal-valur Ewropej, jiffaċilitaw l-espansjoni tan-negozji u l-adozzjoni mis-suq, u jiżguraw li l-ekosistemi reġjonali jkunu jistgħu jaġixxu bħala attivaturi territorjali u interfaċċi operazzjonali kwalifikati għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEK.

Or. en

Emenda 2014
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Michal Wiezik, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Korpi konsultattivi
	1. Huwa stabbilit Bord tal-Partijiet Ikkonċernati. Il-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet tal-kompetittività fit-tul rilevanti, jagħti pariri dwar oqsma ta' fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, u jappoġġa l-ħidma tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività permezz tal-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet.
	2. Il-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati jista' jiltaqa' f'subkonfigurazzjonijiet rilevanti

għal kwalunkwe suddiviżjoni jew tieqa ta' politika.

3. Il-membri tal-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni tqis l-aktar xierqa, u għandhom jinħatru primarjament abbażi tal-għarfien espert xjentifiku, tekniku jew prattiku tagħhom tas-setturi u tal-ambjent ta' investiment, filwaqt li titqies ukoll il-ħtieġa għal bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, inklużi s-soċjetà ċivili, l-atturi tal-ekonomija soċjali u l-investituri privati, u fid-daqs, fl-għarfien espert, fil-ġeneru, fl-età u fid-distribuzzjoni ġeografika. It-terminu tal-membri tal-Bord għandu jkun limitat għal erba' snin, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Bord għandhom jagħixxu b'integrità u onestà.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK. Il-membri tal-Bord għandhom ikunu marbuta b'dawn it-termini.

5. Huwa stabbilit osservatorju dwar it-teknoloġiji emerġenti. Dan se jipprovdi kontribut akkademiku, trasparenti u bbażat fuq l-evidenza lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet tal-kompetittività fit-tul rilevanti u l-iżviluppi industrijali u teknoloġiċi u jappoġġa l-ħidma tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività. L-Osservatorju għandu jipproduċi rapport regolari li jagħti prospettiva lejn dawn ix-xejriet għas-snin li ġejjin.

6. L-osservatorju jista' jiltaqa' f'subkonfigurazzjonijiet rilevanti għal kwalunkwe suddiviżjoni jew tieqa ta' politika. Fejn diġà jeżisti l-għarfien espert rilevanti, bħall-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi tal-UE u ċ-Ċentru

Ewropew tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE), huwa għandu juża dawn il-formazzjonijiet minflok ma jidduplikahom.

Or. en

Emenda 2015
Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	1. F'konformità mal-prerogattivi tiegħu bħala l-awtorità baġitarja u ta' kwittanza skont it-Trattati u r-Regolament Finanzjarju, il-Parlament Ewropew għandu jeżerċita sorveljanza sħiħa tal-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK). Il-Kummissjoni għandha tikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-kwittanza tal-ġestjoni baġitarja tal-FEK, f'konformità mal-proċedura annwali ta' kwittanza.
	2. Il-Kummissjoni, il-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati u l-Kumitat tal-Investiment għandhom iħejju u jippreżentaw b'mod konġunt rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ix-xejriet tal-kompetittività fit-tul, l-oqsma ta' fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment li jistgħu jiġu indirizzati fl-implimentazzjoni tal-FEK. Ir-rapport għandu jiffoka esklużivament fuq il-kundizzjonijiet ta' qafas orizzontali għall-eċċellenza fir-riċerka, il-kapaċità ta' innovazzjoni u l-kompetittività globali tal-kumpaniji Ewropej, u ma għandux jinkludi l-għażla vertikali ta' setturi, teknoloġiji jew kumpaniji speċifiċi bħala "rebbieħa".

3. Mekkaniżmu ta' djalogu permanenti huwa stabbilit bejn il-Parlament Ewropew (permezz tal-kumitati kompetenti tiegħu, b'mod partikolari l-Kumitat ITRE, il-Kumitat ECON u l-Kumitat BUDG), il-Kummissjoni, il-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati u l-Kumitat tal-Investiment. Dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura skambji regolari dwar id-direzzjoni ġenerali tal-FEK, l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tiegħu, il-pariri u l-orjentazzjonijiet ipprovduti mill-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati u l-Kumitat tal-Investiment, kif ukoll l-isfidi emerġenti tal-kompetittività u l-iżviluppi tas-suq. Jista' jinkludi seduti dedikati, laqgħat konġunti u konsultazzjonijiet strutturati mill-inqas darbtejn fis-sena.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar il-lista mqassra ta' kandidati għall-Bord tal-Partijiet Ikkonċernati qabel il-ħatra finali, biex il-kumitati jkunu jistgħu jipprovdu osservazzjonijiet mhux vinkolanti bl-għan li jiġi żgurat il-bilanċ fis-settur, fit-tip ta' organizzazzjoni, fl-għarfien espert, fid-distribuzzjoni ġeografika, fil-ġeneru, fl-età u fi kriterji rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 2016
Morten Løkkegaard, Andreas Glück, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Skema ta' tranżizzjoni Orizzont
	1. Għall-fini tal-aċċellerazzjoni tal-valorizzazzjoni tal-eżiti tar-riċerka minn proġetti diġà ffinanzjati taħt Orizzont Ewropa jew kwalunkwe wieħed mill-Programmi Qafas Ewropej preċedenti,

għandha tiġi stabbilita skema ta' tranżizzjoni Orizzont. L-iskema għandha tikkostitwixxi mekkaniżmu ta' tranżizzjoni simplifikat għal proġetti tal-Programm Qafas diġà evalwati, mhux sejħa għal proposti taħt il-FEK.

2. L-iskema għandha tipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, l-espansjoni, il-liċenzjar, l-istandardizzazzjoni, il-validazzjoni, id-dimostrazzjoni, il-prontezza regolatorja, il-valorizzazzjoni tal-għarfien jew forom oħra ta' konverżjoni fl-użu fid-dinja reali tar-riżultati minn proġetti ffinanzjati taħt Orizzont Ewropa jew kwalunkwe wieħed mill-Programmi Qafas Ewropej preċedenti li jikkontribwixxu għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi stabbiliti fir-Regolament.

3. L-identifikazzjoni ta' proġetti eliġibbli għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati, l-eżiti tal-evalwazzjoni u l-informazzjoni tar-rapportar minn proġetti ffinanzjati taħt Orizzont Ewropa jew kwalunkwe wieħed mill-Programmi Qafas Ewropej preċedenti, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe rekwiżit għal proċess sħiħ ġdid ta' proposta skont dan ir-Regolament.

4. L-appoġġ taħt l-iskema ta' tranżizzjoni Orizzont għandu jingħata permezz ta' talba ta' tranżizzjoni simplifikata sottomessa minn benefiċjarju wieħed jew aktar ta' proġett iffinanzjat taħt ir-Regolament Orizzont Ewropa jew kwalunkwe wieħed mill-Programmi Qafas Ewropej preċedenti. It-talba għandha tinkludi deskrizzjoni tal-perkors propost għall-użu fid-dinja reali u, fejn rilevanti, kompożizzjoni aġġornata tal-konsorzju. Il-Kummissjoni ma għandhiex tirrikjedi informazzjoni diġà sottomessa, evalwata jew rapportata taħt il-Programm Qafas, ħlief fejn meħtieġa għall-verifika tal-eliġibbiltà, il-valur miżjud tal-Unjoni, il-konformità ma' dan ir-Regolament jew il-ħtieġa speċifika għall-appoġġ tal-FEK.

5. L-iskema ta' tranżizzjoni Orizzont

għandha tkun kontinwament miftuħa għat-talbiet. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta talbiet ta' tranżizzjoni mill-inqas erba' darbiet fis-sena.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskema għandha l-għan li tappoġġa l-valorizzazzjoni tar-riżultati li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati minn Orizzont, billi tippermetti proċess ta' applikazzjoni simplifikat li jqis il-valutazzjonijiet li jkunu diġà saru qabel l-għoti tal-fondi ta' Orizzont. Għat-tranżitu faċli tal-proġetti mill-finanzjament ta' Orizzont għall-finanzjament taħt il-FEK, meta jitqiesu l-isfidi attwali biex l-innovazzjoni tinġieb fis-suq fl-Ewropa, l-iskema għandha taħdem kontinwament aktar milli tkun ibbażata fuq is-sejħa filwaqt li tibqa' allinjata mal-objettivi tal-FEK.

Emenda 2017
Christian Ehler, Oliver Schenk, Matej Tonin, Adina Vălean, Pilar del Castillo Vera, Hildegard Bentele, Angelika Niebler, Eszter Lakos, Wouter Beke, Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	[14d - Azzjonijiet tal-Perkors ta' Orizzont Ewropa]
	Meta jkun rilevanti, għandhom jissejħu laqgħat konġunti bejn il-Kumitati tal-Programm tal-FEK u [referenza għall-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa] sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet Ewropej.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Paragrafu ġdid miżjud mal-Artikolu 14d li huwa stabbilit fl-Abbozz ta' Rapport.

Emenda 2018
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	14d - Azzjonijiet tal-Perkors ta' Orizzont Ewropa
	Meta jkun rilevanti, għandhom jissejħu laqgħat konġunti bejn il-Kumitati tal-Programm tal-FEK u [referenza għall-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa] sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet Ewropej.

Or. en

Emenda 2019
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14b
	Governanza tal-istrument InvestEU tal-FEK
	1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Investiment kompletament indipendenti fl-ambitu tal-Istrument InvestEU tal-FEK (il-"Kumitat tal-Investiment"). Il-Kumitat tal-Investiment għandu:
	(a) jeżamina l-proposti għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment ippreżentati minn sħab ta' implimentazzjoni għall-kopertura taħt il-garanzija tal-Unjoni;
	(b) jivverifika l-konformità tal-proposti msemmija fil-punt (a) mar-regoli applikabbli u mal-linji gwida dwar l-investiment imsemmija fl-Artikolu 21(5) u japprovahom jew jirrifjutahom.
	2. Il-Kummissjoni għandha tagħżel il-membri tal-Kumitat tal-Investiment u

għandha taħtarhom għal perjodu ta' mhux aktar minn erba' snin, li jista' jiġġedded darba. Huma għandhom ikunu remunerati mill-Unjoni. Il-membri tal-Kumitat tal-Investiment għandu jkollhom livell għoli ta' esperjenza rilevanti fis-suq fl-istrutturar u fil-finanzjament tal-proġetti jew fil-finanzjament ta' SMEs jew ta' korporazzjonijiet. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Investiment għandha tiżgura li jkollu għarfien wiesa' tas-setturi koperti mill-FEK u għarfien wiesa' tas-swieq ġeografiċi fl-Unjoni, u għandha tiżgura li l-Kumitat tal-Investiment b'mod ġenerali jkun ibbilanċjat bejn il-ġeneri. L-għażla għandha tkun trasparenti u ġġustifikata għal raġunijiet oġġettivi. Il-Kumitat tal-Investiment għandu jaħtar president minn fost il-membri tiegħu.

3. Il-membri tal-Kumitat tal-Investiment għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod imparzjali u fl-interess uniku tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Huma ma għandhomx ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mis-sħab ta' implimentazzjoni, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mill-Istati Membri, jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor. Il-curricula vitae u d-dikjarazzjonijiet ta' interess ta' kull membru tal-Kumitat tal-Investiment għandhom jiġu ppubblikati u jinżammu aġġornati. Kull membru tal-Kumitat tal-Investiment għandu jikkomunika mingħajr dewmien l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa lill-Kummissjoni biex jiġi kkonfermat in-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess fuq bażi kontinwa. Il-Kummissjoni tista' tneħħi membru mill-funzjonijiet tiegħu jew tagħha jekk dak il-membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jew minħabba raġunijiet oħra debitament ġustifikati.

4. Il-Kumitat tal-Investiment għandu jadotta d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha. Fil-każ ta' parità, il-president tal-Kumitat tal-Investiment

għandu jkollu l-vot deċiżiv.

5. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment li japprovaw il-kopertura tal-garanzija tal-UE għal operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku u għandhom jinkludu r-raġunament għall-approvazzjoni u l-informazzjoni dwar l-operazzjoni, b'mod partikolari d-deskrizzjoni tagħha, l-identità tal-promoturi jew tal-intermedjarji finanzjarji, u l-objettivi tal-operazzjoni. L-informazzjoni li ssir aċċessibbli għall-pubbliku skont l-ewwel subparagrafu ma għandhiex tinkludi informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew data personali li ma għandhiex tiġi żvelata skont ir-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Il-partijiet kummerċjalment sensittivi tal-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment għandhom jintbagħtu mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara talba għal dan, soġġetti għar-rekwiżiti stretti ta' kunfidenzjalità. Darbtejn fis-sena, il-Kumitat tal-Investiment għandu jissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill lista tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment li jirrifjutaw l-użu tal-garanzija tal-UE meħuda skont il-paragrafu 1(b) fis-sitt xhur preċedenti. Dik is-sottomissjoni għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti stretti ta' kunfidenzjalità. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment skont il-paragrafu 1(b) għandhom isiru disponibbli fil-ħin lis-sieħeb ta' implimentazzjoni kkonċernat.

6. Meta l-Kumitat tal-Investiment jintalab japprova l-użu tal-garanzija tal-UE għal operazzjoni ta' finanzjament jew investiment li tkun faċilità, programm jew struttura li jkollhom sottoproġetti sottostanti, dik l-approvazzjoni għandha tinkludi dawk is-sottoproġetti sottostanti, sakemm il-Kumitat tal-Investiment ma jiddeċidix li jżomm id-dritt li japprovahom separatament. Il-Kumitat tal-Investiment

ma għandux ikollu d-dritt li japprova separatament sottoproġetti ta' daqs inqas minn EUR 3 000 000.

7. Il-Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jkun magħmul minn żewġ rappreżentanti tal-Grupp tal-BEI, rappreżentant wieħed ta' kull sieħeb ta' implimentazzjoni ieħor u rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru. Il-Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK għandu jipprovdi pariri dwar it-tfassil tal-prodotti finanzjarji u dwar id-direzzjoni strateġika u operazzjonali fil-qasam ta' kompetenza tiegħu. Dan għandu jipprovdi wkoll pariri dwar il-koordinazzjoni mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' finanzjament ieħor tal-Unjoni jew ma' investimenti privati. Il-Bord Konsultattiv għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Wieħed mir-rappreżentanti tal-Grupp tal-BEI għandu jkun il-viċi president.

8. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għażla u l-kompożizzjoni, ir-remunerazzjoni, ir-regoli tal-proċedura, il-kunflitti ta' interess u l-kunfidenzjalità għall-Kumitat tal-Investiment u għall-Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK.

9. Il-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu Djalogi ta' Rieżami tal-Politika regolari biex jiddiskutu l-progress fl-implimentazzjoni tal-prodotti finanzjarji u jinvolvu ruħhom fl-iżviluppi ta' politika rilevanti.

Or. en

Emenda 2020
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14b
	Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK
	1. Il-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Investiment għandhom jirċievu pariri minn bord konsultattiv (il-"Bord Konsultattiv").
	2. Il-Bord Konsultattiv għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura l-bilanċ bejn il-ġeneri u għandu jinkludi:
	(a) rappreżentant wieħed ta' kull sieħeb ta' implimentazzjoni;
	(b) rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru;
	(c) rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew bħala osservatur;
	(d) rappreżentant wieħed tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;
	(e) rappreżentant wieħed tal-Kumitat tar-Reġjuni;
	(f) rappreżentant wieħed tal-BEI.
	3. Il-Bord Konsultattiv għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Ir-rappreżentant tal-Grupp tal-BEI għandu jkun il-Viċi President. Il-Bord Konsultattiv għandu jiltaqa' regolarment, tal-inqas darbtejn fis-sena, fuq talba tal-President.
	4. Il-Bord Konsultattiv għandu:
	(a) jagħti pariri lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tal-Investiment dwar it-tfassil ta' prodotti finanzjarji li għandhom jintużaw skont dan ir-Regolament biex tiġi żgurata l-effiċjenza finanzjarja;
	(b) jagħti pariri lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tal-Investiment dwar l-iżviluppi fis-suq, il-kundizzjonijiet tas-suq, il-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali;
	(c) jiskambja opinjonijiet dwar l-iżviluppi

tas-suq u jaqsam l-aħjar prattiki;

(d) jagħti pariri dwar il-koordinazzjoni mal-EIC biex tiġi żgurata l-komplementarjetà ma' finanzjament ieħor tal-Unjoni jew investimenti privati, b'enfasi fuq l-istart-ups innovattivi u l-iscale-ups innovattivi;

(e) jagħti pariri dwar it-tfassil ta' prodotti finanzjarji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu [21a ġdid].

5. Minuti dettaljati tal-laqgħat tal-Bord Konsultattiv għandhom isiru pubbliċi kemm jista' jkun malajr wara li jkunu ġew approvati mill-Bord Konsultattiv. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri operattivi għall-Bord Konsultattiv u għandha tamministra s-segretarjat tal-Bord Konsultattiv. Id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha rilevanti għandhom ikunu disponibbli għall-Bord Konsultattiv biex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu.

Or. en

Emenda 2021
Christian Ehler, Oliver Schenk, Matej Tonin, Adina Vălean, Pilar del Castillo Vera, Hildegard Bentele, Angelika Niebler, Eszter Lakos, Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14b
	Implimentazzjoni tar-Regolament Qafas dwar il-Prestazzjoni
	1. B'deroga mill-Artikolu 1(2) tar-[Regolament Qafas dwar il-Prestazzjoni], l-applikazzjoni tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament kif ukoll il-prinċipji orizzontali l-oħra

għandha tiġi stabbilita f'dan l-Artikolu biex tiġi żgurata implimentazzjoni fattibbli u xierqa għall-objettivi ta' dan il-Programm.

2. Bħala kontribuzzjoni għall-mira ġenerali tal-infiq stabbilita fl-Artikolu 4(2) [ir-Regolament Qafas dwar il-Prestazzjoni], dan il-Programm għandu jkollu l-għan li jonfoq 15 % tal-baġit tiegħu, esklużi l-baġits użati għall-implimentazzjoni tad-difiża u s-sigurtà (inklużi l-partijiet b'użu doppju ta' proġetti ċivili), fuq l-azzjoni klimatika u l-objettivi ambjentali. Kull attività li tikkontribwixxi għall-objettiv fl-Artikolu 3(2)(a) għandha titqies li tikkontribwixxi 100 % għall-azzjoni klimatika u l-objettivi ambjentali.

3. L-attivitajiet iffinanzjati taħt dan il-Programm għandhom jitqiesu li huma f'konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". L-applikanti ma għandhomx ikunu meħtieġa jagħtu prova tal-konformità mal-prinċipju fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-applikazzjoni jew tal-finanzjament.

4. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-entitajiet li jistgħu jiksbu finanzjament taħt dan il-Programm, l-attivitajiet taħt dan il-Programm għandhom jitqiesu li huma f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 33(2), il-punt 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

5. L-attivitajiet kollha ffinanzjati taħt dan il-Programm għandhom jitqiesu li huma f'konformità mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

6. Għall-fini tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament [XXXX/XXXX], ir-rispett tal-liġi applikabbli u tal-ftehimiet kollettivi applikabbli għandu jitqies bħala li jimplimenta l-attività fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg.

Or. en

Emenda 2022
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14b
	Implimentazzjoni tar-Regolament Qafas dwar il-Prestazzjoni 1. B'deroga mill-Artikolu 1(2) tar-[Regolament Qafas dwar il-Prestazzjoni], l-applikazzjoni tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament kif ukoll il-prinċipji orizzontali l-oħra għandha tiġi stabbilita f'dan l-Artikolu biex tiġi żgurata implimentazzjoni fattibbli u xierqa għall-objettivi ta' dan il-Programm. 2. Bħala kontribuzzjoni għall-mira ġenerali tal-infiq stabbilita fl-Artikolu 4(2) tar-[Regolament Qafas dwar il-Prestazzjoni], dan il-Programm għandu jkollu l-għan li jonfoq 15 % tal-baġit tiegħu, eskluż l-baġits użati għall-implimentazzjoni tad-difiża u s-sigurtà (inklużi l-partijiet b'użu doppju ta' proġetti ċivili), fuq l-azzjoni klimatika u l-objettivi ambjentali. Kull attività li tikkontribwixxi għall-objettiv fl-Artikolu 3(2)(a) għandha titqies li tikkontribwixxi 100 % għall-azzjoni klimatika u l-objettivi ambjentali. 3. L-attivitajiet kollha ffinanzjati taħt dan il-Programm għandhom jitqiesu li huma f'konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". L-applikanti ma għandhomx ikunu meħtieġa jagħtu prova tal-konformità mal-prinċipju fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-applikazzjoni jew tal-finanzjament. 4. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-entitajiet li jistgħu jiksbu finanzjament taħt dan il-Programm, l-attivitajiet taħt dan il-Programm għandhom jitqiesu li huma f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 33(2), il-punt 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. 5. L-attivitajiet

kollha ffinanzjati taħt dan il-Programm għandhom jitqiesu li huma f'konformità mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. 6. Għall-fini tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament [XXXX/XXXX], ir-rispett tal-liġi applikabbli u tal-ftehimiet kollettivi applikabbli għandu jitqies bħala li jimplimenta l-attività fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg.

Or. en

Emenda 2023
Borys Budka, Danuše Nerudová, Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac, Eszter Lakos, Karlo Ressler, Miriam Lexmann, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Iuliu Winkler, Loránt Vincze, Andrzej Halicki, Virgil-Daniel Popescu, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský, Siegfried Mureşan, Ioan-Rareş Bogdan, Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Adina Vălean, Romana Tomc, Jan Farský, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Andrey Novakov, Eva Maydell, Ilia Lazarov, Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 14b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14b
	Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati
	1. Għandu jiġi stabbilit Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati. 2. Il-kompitu tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati għandu jkun li jappoġġa lill-Kummissjoni fit-tħejjija u t-tfassil ta' sejħiet għal proposti skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jagħti pariri mhux vinkolanti lill-Kummissjoni fi stadju bikri tat-tħejjija tas-sejħa, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' finanzjament, ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, il-kriterji ta' evalwazzjoni, u l-proċeduri amministrattivi jkunu proporzjonati, ċari u allinjati mar-realtajiet tas-suq. 3. Il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati għandu jinkludi rappreżentanti tas-setturi rilevanti tal-industrija, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, istituzzjonijiet finanzjarji, investituri, organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, sħab soċjali,

rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, u atturi rilevanti oħra tas-suq, magħżula abbażi tal-għarfien espert, il-bilanċ ġeografiku u t-trasparenza. 4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-konsultazzjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-parteċipazzjoni, it-titjib tal-adozzjoni min-negozji, u t-tisħiħ tal-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet appoġġati skont dan ir-Regolament. 5. Il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati jista' jiltaqa' f'subkonfigurazzjonijiet rilevanti għat-twieqi ta' politika. 6. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill għar-Riċerka dwar il-Kompetittività Ewropea stabbilit bir-Regolament Orizzont Ewropa għandu jitqies bħala subkonfigurazzjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati. Huwa għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar is-sejħiet għal proposti relatati mal-azzjonijiet tal-Perkors ta' Orizzont Ewropa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tar-rapport Ehler-Nica ġiet estiża.